**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nħar it-Tlieta 20 ta` Frar, 2018.**

**Talba Nru: 340/2017PA**

**Carmelo Mifsud**

**vs**

**Antonia Mizzi u Brian G. Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-4 ta` Awissu 2017 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jħallsuh is-somma ta` tmien mija u ħamsa u tmenin Ewro (€885) rappreżentanti l-ispejjeż u d-drittijiet relattivi dovuti lilu għas-servizzi ta` kummissjonant reżi minnu fuq inkarigu tal-konvenuti f'Marzu 2016 wara l-mewt ta` George Mizzi, u dovuta kwantu għal tmien mija u sitta u għoxrin Ewro (€826) bilanċ tal-prezz tas-servizzi reżi li sal-lum ma tħallasx u l-bilanċ ta` disgħa u ħamsin Ewro (€59) spejjeż tal-ittra legali tat-28 ta` April 2017 li sal-lum baqgħet mhux imwieġba u/jew kontestata. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew li l-ammont pretiż mhux dovut, u dan billi r-rikorrent qed jipprtendi ħlas għal servizzi ga mħallsa jew għal servizzi li qatt ma rrenda.

Sema' x-xiehda tal-attur u tal-konvenuta Antonia Mizzi.

Ra d-dokumenti eżibiti mill-attur.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li l-attur, li jaħdem bħala kummissjonant, għamel kontra klijenti tiegħu, li fuq struzzjoni tagħhom organiżża u mexxa funeral, għall-bilanċ tal-prezz tas-servizzi provduti minnu li jgħid li sallum baqa' ma tħallasx lilu mill-konvenuti.

L-attur **Carmelo Mifsud** xehed[1] li l-konvenuti kienu qabbduh jiehu ħsieb il-funeral ta` qarib tagħhom, George Mizzi. L-inkarigu tathulu l-armla tiegħu, ossia l-konvenuta Antonia Mizzi. Qal li, meta ġew għall-ħlas, tatu €1,450 u qaltlu li kellha bżonn aktar żmien biex tħallas. Huwa ġibdilha l-attenzjoni li r-rifużjoni tal-VAT kellha żmien tlett xhur biss biex titlobha. Qal li baqgħalha tħallsu s-somma ta` €825.97ċ. Meta bdew bil-kwistjonijiet, kienet tkellmu bint il-konvenuta. Huwa kkonferma l-kont eżibit minnu, ammontanti b'kollox għal €2,275.97ċ.

In kontro-eżami, l-attur qal li l-ħlasijiet li rċieva għaddiethomlu bint il-konvenuta, f'erba' okkażjonijiet differenti, darba permezz ta` ċekk, u l-bqija bi flus kontanti. Qal ukoll li kien jagħmel notament tagħhom fuq il-kont, u li r-riċevuta fiskali joħrogħa meta jitħallas il-kont sħiħ. Żied jgħid li bint il-konvenuta kienet titolbu jiffirmalha għall-ħlas li tagħtih fuq ktieb tagħha. Darba rrimarkalha li kienet niżżlet ammont bħala mħallas meta fil-verita` lilu ma kinetx għaddiethulu.

[1] Ara xiehda fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2017, fol. 8-9

Fuq talba tal-konvenuti, l-attur ippreżenta estratt mir-Reġistru tiegħu[2].

Dwar l-entrati fil-kont maħruġ minnu, l-attur kompla jixhed in kontro-eżami[3] li huwa għadu jaħdem bil-liri Maltin, minflok bl-Ewro, u għalhekk hemm żewġ figuri fil-linja dwar il-konument. L-ispiża ta` €60 tal-irħama hija l-ħlas li jkun għadda lid-deffiena talli jaqilgħu l-irħama tal-qabar. Spejjeż ta` prearazzjoni huma spejjeż ta` ċertifikati u spejjeż talli jkun ħa tlett irġiel miegħu biex ipoġġu lill-mejjet fit-tebut. Qal li hemm spejjeż li fuqhom mhix dovuta l-VAT, u oħra taxxabbli. Kompla jgħid li l-parti mmarkata fuq ir-Reġistru ppreżentat minnu hija l-ispiża ta` LM64.40ċ spiża ta` ritratt li l-konvenuta ordnat għal fuq il-monument. Qal ukoll li b'kollox għaddietlu €900, €200, €200 u €150, kollha bil-mezz ta` bintha. It-total ta` €1,839.61ċ kien il-kont mingħajr ir-ritratt. Fl-aħħarnett, l-attur qal li ma żammx notament tad-dati meta rċieva l-erba' ħlasijiet.

L-attur eżibixxa wkoll kopja ta` ittra legali mibgħuta f'ismu lill-konvenuta u uliedha datata 28 ta` April 2017[4].

Xehdet ukoll il-konvenuta Antonia Mizzi. Hija ppreżentat paġna minn djarju[5] li fuqha qalet li hemm miktubin il-ħlasijiet kollha li hi għaddiet lill-attur, €700 b'ċekk f'Ġunju 2016, €300 b'kontanti f'Ġunju 2016, €200 kontanti fl-24 ta` Ottubru 2016, €200 kontanti fl-24 ta` Novembru 2016, u €150 għar-ritratt tal-lapida fil-15 ta` Marzu 2017. Qalet li lill-attur fadlilha tagħtih €250, pero` meta ġiet rinfaċċjata mit-Tribunal kif tispjega din is-somma meta fuq id-dokument eżibit minnha indikat li fadlilha tagħti €200, hija wieġbet li allura fadlilha tħallsu €200. Żiedet tgħid li hija tippretendi li m'għandhiex tħallas għall-VAT li kellu jiġi rifuż (€300). Fuq talba tat-Tribunal, hija qalet li l-kitba fuq il-paġna tad-djarju hija tagħha, pero` l-kelma 'PAID' kitbitha fil-presenza tal-attur, u hu ffirma ħdejn ir-raba' entrata u fl-aħħar tad-dokument. Hija ppreżentat ukoll ritratt tal-qabar tal-familja biex turi li m'hemmx irħama.[6]

---

[2] Dok. CM3, fol. 16
[3] Ara xiehda, 5.12.2017, fol. 18-19
[4] Dok. CM2, fol. 12
[5] Dok. AM1, fol. 23

Ikkunsidra wkoll li:

M'hemmx kwistjoni bejn il-partijiet dwar li l-attur eżegwixxa inkarigu mogħti lilu mill-konvenuta biex jorganiżża l-funeral ta` żewġha George Mizzi, u lanqas li dan l-inkarigu effettivament twettaq. Hija pero` tikkontesta l-ispiża tal-qlugħ tal-irħama (€60), għax tgħid li l-qabar ma fihx irħama, u tikkontendi wkoll li lill-attur ħallsitu aktar milli jgħid li rċieva mingħandha.

Mill-kont eżibit mill-attur, jirriżulta li huwa talab mingħandha ħlas komplessiv fis-somma ta` €2,275.97ċ, li jinkludi €286.16ċ VAT. Il-konvenuti setgħu irċevew rifużjoni tat-taxxa imsemmija kieku ħallsu, u talbu r-rifużjoni, fi żmien tlett xhur. Illum allura din ir-rifjużjoni ma tistax tinġabar. Konsegwentement, il-pretensjoni tal-konvenuta li ma tħallasx it-taxxa fuq il-valur miżjud ma tistax tintlaqa'.

Jifdal għalhekk żewġ kwistjonijiet x'jiġu riżolti, u ċioe (i) jekk l-attur irċeviex kemm jippretendi hu li rċieva mingħand il-konvenuti, inkella s-somma akbar li qalet li għaddietlu l-konvenuta Antonia Mizzi; u (ii) jekk il-ħlas mitlub mill-attur għall-qlugħ tal-irħama hux dovut.

Dwar din l-aħħar kwistjoni, l-attur spjega li dan il-ħlas jirrappreżenta l-ispiża inkorsa minnu biex irċieva s-servizz mitlub minnu għall-konvenuta mingħand id-deffiena biex jaqilgħu l-irħama. It-Tribunal fehem li l-attur hawn qed jirreferi għall-qlugħ tal-irħama li tgħatti l-kaptelli fil-wiċċ tal-qabar. Il-konvenuta tinsisti li l-qabar ma fihx irħama, pero` mir-ritratt eżibit minnha stess[7], it-Tribunal jara li l-qabar fih monument vertikali b'indikazzjoni tal-familja li għandha l-qabar 'Familja Mizzi' u bir-ritratti tal-persuni midfuna fih, fosthom żewġha George Mizzi, u wkoll bil-važuni tal-irħam u l-fanal, u quddiemhom b'irħama pariġġ l-irħam tal-momument li tgħatti l-kaptelli. Minn dan ir-ritratt, it-Tribunal jikkonkludi allura li, aktar iva milli le, l-attur verament ippresta dan is-servizz bil-mezz ta` terżi lill-konvenuti, u allura t-talba tiegħu għall-ħlas relattiv tirriżulta fondata, u l-ħlas dovut.

---

[6] Dok. AM2, fol, 24

Dwar il-kwistjoni l-oħra tal-ħlasijiet akkont, l-attur jippretendi li rċieva mingħandha s-somma ta` €1,450. Mill-banda ‘l oħra, il-konvenuta fix-xiehda tagħha qalet li għaddietlu ħames pagamenti, ammontanti b’kollox għal €1,550, u li fadlilha tagħtih €250, jew €200 wara l-kjarifika mitluba mit-Tribunal, bit-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (€286.16ċ), u bit-tnaqqis tal-ispiża tal-irħama (€60), ammontanti b’kollox għal €346.16ċ.

Jekk wieħed inaqqas dan l-ammont mill-kont, jifdal bilanċ ta` €1,929.81ċ, li jfisser li l-attriċi fadlilha tgħaddilu s-somma ta` €429.81ċ, wara li jitnaqqsu l-ħlasijiet li Xehdet li għaddietlu. Pero` jekk wieħed iħares lejn il-paġna bil-kitba tagħha eżibita minnha stess, isib li hemm miktuba żewġ ħlasijiet oħra, ta` €200 ‘l wieħed b’kontanti, li jidhru li saru fl-24 ta` Awissu 2016 u fl-24 ta` Settembru 2016 (ħdejn dan tal-aħħar hemm il-firma tal-attur), li l-konvenuta ma semmietx fix-xiehda tagħha. B’dawn iż-żewġ pagamenti, skond il-kalkoli tagħha, il-konvenuta tiġi li ħallset aktar milli kellha tagħti lill-attur.

Hemm ukoll kitba oħra li taqra *‘100 oħra jina ħall...’* li l-konvenuta naqset li tispjega fix-xiehda tagħha, u li t-Tribunal isib inspjegabbli fil-kuntest kollu ta` hawn fuq, partikolarment tal-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-konvenuta Antonia Mizzi.

It-Tribunal iqis ukoll li l-konvenuta naqset meta (i) ma ħallsitx dak li hija stess tirrikonoxxi li fadlilha tħallas lill-attur, u dan mingħajr ma tat raġuni valida; u (ii) ma weġbitx għall-intimazzjoni legali mibgħuta minnha f’isem l-attur qabel bdiet din il-kawża.

Mill-banda ‘l oħra, it-Tribunal jinnota li l-attur naqas li jressaq l-aħjar prova ta` dak allegat minnu, senjatament tal-ewwel pagament li rċieva permezz ta` ċekk, aktar u aktar meta hemm nuqqas ta` qbil kontra tiegħu dwar l-ammont li rċieva b’dak iċ-ċekk.

[7] Fol. 24

Din l-osservazzjoni tgħodd b'aktar saħħa għall-konvenuta, li tirritjeni li ħallset aktar milli jippretendi l-attur biċ-ċekk indikat.

Inoltre, it-Tribunal iqis mhux aċċettabbli l-aġir tal-attur, kummerċjant, li ma jirrilaxxjax riċevuta ċara, u skond il-liġi, tal-ħlasijiet mogħtija lilu mill-konvenuta, aktar u aktar meta wieħed iqis il-kuntest sensittiv li fih jippresta s-servizzi tiegħu, li jsiru meħtieġa f'mument meta l-konsumatur ikun f'sitwazzjoni emottiva, u familjali, diffiċli ħafna, u allura jkun f'sitwazzjoni aktar vulnerabbli mill-konsumatur ordinarju.

Wara li qies dan kollu, it-Tribunal jasal għall-konklużjoni li l-attur irnexxielu jipprova, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, li fadallu jirċievi mingħand il-konvenuti l-bilanċ ta` tmien mija, ħamsa u għoxrin Ewro, sebgħa u disgħin ċenteżmu (€825.97ċ) għas-servizzi ta` kummissjonant ipprestati minnu fuq struzzjoni tagħhom, wara l-mewt ta` George Mizzi.

Kwantu għall-ispejjeż u l-imgħax mitluba, it-Tribunal jidhirlu li, fid-dawl tan-nuqqas tal-attur li jirrilaxxja riċevuti ċari tal-ħlasijiet mgħoddija lilu, m'għandux jilqa' din il-parti tat-talba tal-attur.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti sa fejn inkompatibbli ma' dak hawn deċiż, jilqa' limitatament it-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta` tmien mija, ħamsa u għoxrin Ewro, sebgħa u disgħin ċenteżmu (€825.97ċ), kontra riċevuta fiskali għas-somma sħiħa mħallsa lilu skond il-kont (Dok. CM1).

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha f'din il-kawża.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**